# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 31 ta' Ottubru, 2017**

**Numru 11**

**Rikors Numru 898/17 TA**

**Deloitte Technology Limited (C 36094)**

**vs**

**Steel Structures Company Limited (C 4192)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat ipprezentat bil-procedura sommarja specjali fit-3 ta' Ottubru, 2017, li bih is-socjeta` attrici ghar-ragunijiet hemm imfissra, talbet: a) li din il-Qorti taqta' l-kawza minghajr smiegh ghall-finijiet ta' l-artikoli 167(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u b) li l-Qorti tiddikjara lis-socjeta` konvenuta veru, certa u likwida debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' ghoxrin elf, tmien mija, tnejn u hamsin Ewro u sitta u disghin centezmi (€20,852.96); u c) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-

socjeta` attrici s-somma ta' ghoxrin elf, tmien mija, tnejn u hamsin Ewro u sitta u disghin centezmi (€20,852.96) ghar-ragunijiet imsemmija fir-rikors;

Talbet ukoll il-hlas ta' l-imghax legali u l-ispejjez;

Rat ghalhekk li r-rikors guramentat u d-digriet tal-Qorti tal-31 ta' Ottubru 2017 gew debitament notifikati lis-socjeta` konvenuta fl-10 ta' Ottubru, 2017;

Rat ukoll illi l-istess socjeta` konvenuta giet notifikata bl-avviz tas-smiegh ghallum fl-istess data fuq imsemmija;

Rat li l-atti kollha, gew imhollija ghal fini ta' notifika f'idejn Wendy Dimech, li jirrizulta li hija dipendenti tas-socjeta` konvenuta (ara fol 8 tal-process) u ghalhekk in-notifika tissodisfa dak li jiddisponi l-artikolu 187(4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta` konvenuta baqghet kontumaci u lanqas ma kienet prezenti ghas-seduta tallum biex topponi ghat-talbiet attrici ai fini tal-istess artikolu meta ssejhet il-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta taqta' u tiddeciedi l-kawza ghar-ragunijiet fuq premessi billi:-

1. **Tilqa' l-ewwel talba** tas-socjeta` attrici u taqta' l-kawza bid-dispensa tas-smiegh;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' ghoxrin elf, tmien mija, tnejn u hamsin Ewro u sitta u disghin centezmi (€20,852.96);

3. **Tilqa' ghalhekk it-tielet talba** u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghoxrin elf, tmien mija, tnejn u hamsin Ewro u sitta u disghin centezmi (€20,852.96) bl-imghaxijiet kif mitlub.

**Spejjez** ta' din il-kawza ikunu a kariku tas-socjeta` konvenuta.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**